Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11731/23

EDUC 310
JEUN 202
DIGIT 136
FIN 769

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mill-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel: Investimenti sinifikanti, iżda l-Istati Membri jonqsilhom fokus strateġiku fl-użu tal-finanzjament mogħti mill-UE"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Lulju 2023.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mill-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel: Investimenti sinifikanti, iżda l-Istati Membri jonqsilhom fokus strateġiku fl-użu tal-finanzjament mogħti mill-UE"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 11/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[1] u t-tweġibiet dettaljati tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-rapport.

2. JENFASIZZA r-responsabbiltà sħiħa li l-Istati Membri għandhom biex isawru l-politika tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u biex jorganizzaw l-iskejjel tagħhom.

3. JAGĦRAF li l-miżuri tal-UE jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet fil-livelli kollha u lill-dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-isforzi tagħhom ta' diġitalizzazzjoni u JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Unjoni Ewropea li tissupplimenta u tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri bl-użu tad-diversi fondi tal-UE.

4. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' approċċ wiesa' dwar id-diġitalizzazzjoni fl-iskejjel, li jinkludi l-infrastruttura, it-tagħmir, il-konnettività, il-kontenut u l-metodi pedagoġiċi, u t-trawwim tal-ħiliet diġitali fost l-għalliema, il-ħarrieġa, l-persunal l-ieħor tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kapijiet tal-iskejjel, fost l-oħrajn billi jiġu offruti edukazzjoni u taħriġ kontinwi.

5. JIRRIKONOXXI li sar ħafna xogħol fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE għal aktar edukazzjoni u ħiliet diġitali, pereżempju permezz tal-programm Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2018-2020 u 2021-2027, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Diġitali (DELTA), id-djalogu strutturat dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali mmexxi mill-Kummissjoni fl-2022 u permezz ta' diversi għodod żviluppati fil-kuntest tal-UE.

[1] Għall-finijiet tar-Rapport Speċjali Nru 11/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, twettqet valutazzjoni aktar fil-fond li tiffoka speċifikament fuq l-azzjonijiet meħuda biex jappoġġaw l-edukazzjoni diġitali fl-iskejjel ta' sitt Stati Membri: l-Awstrija, il-Ġermanja (Nordrhein-Westfalen), il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja u l-Polonja.

6. JAQBEL mar-rikonoxximent tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li:

- l-edukazzjoni diġitali tħejji lill-istudenti biex jirnexxu fil-ħajja, jinvolvu ruħhom bħala ċittadini u jintegraw fis-suq tax-xogħol;
- il-kompetenzi u l-ħiliet diġitali, u d-disponibbiltà ta' infrastruttura u tagħmir diġitali, saru aktar rilevanti minn qatt qabel fil-livelli edukattivi kollha mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19;
- L-Istati Membri jistgħu jużaw l-appoġġ finanzjarju tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel permezz ta' diversi strumenti, kull wieħed bl-objettivi u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, bħall-programm Erasmus+, il-Fondi għall-Politika ta' Koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
- hemm lok għal titjib fl-użu tal-finanzjament tal-UE għad-diġitalizzazzjoni fl-iskejjel.

7. IQIS lir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala rilevanti u li jistgħu jikkontribwixxu għall-ambizzjonijiet tal-Istati Membri li jappoġġaw, fejn rilevanti, id-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel, iżda JIDDISPJAĊIH li l-istatistika bbażata fuq l-individwi ppreżentata fir-Rapport Speċjali mhix diżaggregata sistematikament skont is-sess. Il-Kunsill JAGĦRAF li hemm nuqqas ta' data komprensiva dwar l-istat tal-infrastruttura diġitali fl-iskejjel; madankollu, rigward ir-rakkomandazzjoni 3a, il-Kunsill JENFASIZZA l-importanza li jiġi evitat aktar piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, filwaqt li rigward ir-rakkomandazzjoni 3b, il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza li l-prijoritajiet u l-istrateġiji ta' kull Stat Membru jiġu rrispettati fil-qasam tal-edukazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

8. JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni tal-Kummissjoni li:

- tippromwovi l-azzjonijiet tal-UE skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 b'mod aktar attiv u ssaħħaħ l-impatt tas-sħubijiet strateġiċi;

- tieħu azzjoni, fejn xieraq u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex issaħħaħ ir-rabta bejn l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027, l-appoġġ tal-UE, u l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel;

- tieħu azzjoni, fejn xieraq u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex issaħħaħ ir-rabta bejn l-appoġġ tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel u tiddefinixxi b'mod ċar l-objettivi, il-ħtiġijiet u l-eżiti skalabbli tal-iskejjel, stabbiliti fl-Istati Membri.

9. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li perjodikament tiġbor data aġġornata għall-monitoraġġ tal-konnettività reali tal-iskejjel, u tirrapporta dwar l-eżitu.

10. JENFASIZZA, madankollu, li l-azzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jitwettqu bir-rispett dovut għas-sussidjarjetà u għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-ġbir tad-data u l-monitoraġġ għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

11. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jaħdem flimkien biex isaħħaħ il-livell ta' ħejjija diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, pereżempju permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u l-promozzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ.

12. JISTENNA B'INTERESS id-diskussjonijiet orjentati lejn il-futur fil-kuntest tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali permezz ta' inizjattivi bħall-proposti għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar fatturi abilitanti ewlenin għal edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' suċċess u għat-titjib tal-forniment ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ imressqa mill-Kummissjoni.